30 AUG 2023

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar

## IT-TMINN LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 582**

**It-Tlieta 25 ta' Lulju 2023**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' b'mod virtwali permezz ta' *Microsoft Teams*, fis-6.10 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Jorge Grech – Sindku
Bernice Farrugia - Viċi Sindku
Mark Grech – Kunsillier
Joseph Buttigieg – Kunsillier
Ghislaine Bongailas Zahra - Kunsilliera
Joseph Agius - Kunsillier
Patrick Barbara - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI**

Angelo Scicluna – Kunsillier
Anna Calleja - Kunsilliera
Joseph Vella – Kunsillier

**ASSENTI**

Angel Gwyn Louisielle Camilleri - Kunsilliera

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Stephanie Testaferrata de Noto – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku ppresieda l-laqgħa.

**582.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

582.1.1 Inqraw ittri ta' apoloġija mibgħuta mis-Sinjura Anna Calleja u mis-Sur Angelo Scicluna fejn talbu li jkunu skużati milli jattendu għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sinjura Anna Calleja u s-Sur Angelo Scicluna jkunu skużati.

**582.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti**

582.2.1 Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li ssir korrezzjoni f'paragrafu 581.13.8 u wara l-kliem 'fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill' jiżdied dan il-kliem 'Is-Sur Joseph Agius żied jgħid li matul konferenza, il-President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali kien qal li hija vergonja li għad hawn Kunsilli li għadhom jiltaqgħu *online*'.

582.2.2Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sindku, il-minuti tal-581 laqgħa tal-Kunsill ġew unanimament approvati kif emendati.

**582.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

582.3.1 Is-Sindku rrefera għall-Espressjoni ta' Interess : *The World Cleanup Campaign 2023* u nforma lill-Kunsill li d-Direttorat tal-Istrateġija u Implimentazzjoni ta' *Policy* kien nieda din l-Espressjoni ta' Interess fejn kull Kunsill jista' jibbenefika minn €1,500 (VAT inkluż). Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li kienet ġiet sottomessa applikazzjoni waħda permezz tal-Kunsill Reġjonali. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li jissottometti applikazzjoni flimkien ma' grupp ta' Kunsilli Lokali permezz tar-Reġjun Port u jorganizza attività fis-16 ta' Settembru billi jnaddaf Misraħ San Nikola.

582.3.2 Is-Sindku tkellem dwar l-Iskema Finanzjarja – Komunitajiet Aktar Siguri u Organizzati. Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien ser jissottometti applikazzjoni permezz tar-Reġjun. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li japplika għal din l-iskema sabiex jiġu nstallati sistemi ta' *CCTV cameras* u li jissottometti din l-applikazzjoni permezz tar-Reġjun Port.

582.3.3 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li fil-futur viċin kien ser jiltaqa' mas-Supretendent sabiex jiddiskuti l-andament tal-festa u l-applikazzjonijiet għat-twaqqif ta' posti u gabbani matul il-ġranet tal-festa. Is-Sindku tkellem dwar il-preparamenti għall-festa. Is-Sindku qal ukoll illi kienu ser jibdew id-diskussjonijiet dwar it-tindif mal-kuntratturi responsabbli sabiex jiġi assigurat illi matul iċ-ċelebrazzjonijiet ikun hemm indafa fit-toroq tal-lokalità.

582.3.4 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti dwar ix-xogħlijiet ta' manutenzjoni li kienu qed isiru mill-ħaddiema tal-Kunsill. Is-Sindku żied jgħid li kien għaddej b'diskussjonijiet mal-entitajiet ikkonċernati biex ikun żgurat li x-xogħlijiet fit-toroq ikunu konklużi qabel il-granet tal-festa. Barra minnhekk is-Sindku qal li fil-ġimgħat li ġejjin mistenni jibdew dawn il-proġetti: installazzjoni ta' arbli ornamentali ġodda, *railing* tal-ħadid fi Triq iċ-Ċawsli li ser isir mill-ħaddiema tar-Reġjun kif ukoll manutenzjoni fuq diversi bankini. Is-Sindku qal illi minħabba l-mewġa ta' sħana, il-ħaddiema tal-Kunsill li jagħmlu xogħol fuq barra ġew offruti l-għażla li jibdew ix-xogħol kmieni filgħodu għall-benesseri tagħhom. Madankollu, is-Segretarju Eżekuttiv qalet li mhux il-ħaddiema kollha qablu ma' din il-proposta.

582.3.5 Is-Sindku rrefera għall-korrispondenza mibgħuta mill-Uffiċju Elettorali fejn il-Kunsill kien ġie mitlub jagħti isem ta' triq, lil triq bla isem biswit Triq ta' Lanza u Triq il-Kaħwiela. Fuq proposta tas-Sur Mark Grech li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li t-triq bla isem li hemm fil-viċinanzi ta' Triq ta' Lanza u Triq il-Kaħwiela tingħata l-isem Triq Feliċ Zarb ex Sindku ta' Ħaż-Żabbar.

582.3.6 Is-Sindku qal illi flimkien mar-Reġjun Port ġiet organizzata open day mill-MFA fil-grawnd tas-St Patrick FC. Barra minnhekk saret sessjoni ta' taħriġ għall-bniet interessati fil-futbol mal-FA's Women's Department. Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li sar tqassim ta' fuljetti fl-iskejjel li rriżultaw f'attendenza sinifikanti ta' bniet, l-aktar minn Ħaż-Żabbar. Il-Kunsill ġie ppreżentat b'tifkira kommemorattiva għall-okkażjoni u s-Sindku ppropona aktar inizjattivi biex jiġu organizzati fil-futur li jiffokaw fuq l-inkoraġġiment tal-parteċipazzjoni tal-bniet u l-promozzjoni tal-inklussività tal-ġeneru fis-settur tal-futbol.

582.3.7 Is-Sindku tkellem dwar il-qtugħ tal-provvista tal-elettriku u spjega li kien qed ikollu diversi komunikazzjoni ma' nies tekniċi tal-Korporazzjoni Enemalta sabiex iwassal il-messaġġ u l-problemi tar-residenti. Is-Sindku qal illi l-Kunsill mhux dejjem kien qed ikollu informazzjoni dwar il-ħsarat.

582.3.8 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li s-Sur Joseph Vella kien infurmaha li ma setax jattendi għal-laqgħa. Fuq proposta tal-Kaptan Patrick Barbara li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Joseph Vella jiġi skużat milli jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill.

582.3.9 Is-Sur Mark Grech staqsa jekk il-Kunsill kienx ser jiddiskuti l-korrispondenza li kienet intbgħatet dwar siġra perikoluża li qed tagħmel il-ħsara fi proprjeta privata. Is-Sindku qal illi kien ser jiddiskuti din il-materja matul l-*item* - Ittri Legali.

**582.4 Approvazzjoni tal-minuti tas-Sotto Kumitat**

582.4.1 Ma kienx hemm minuti tas-Sottokumitat.

582.4.2 Is-Sindku talab lis-Sur Joseph Buttigieg sabiex jippreżenta l-minuti tas-Sottokumitat tal-Anzjani. Is-Sur Buttigieg qal illi huwa ma kienx qed jorganizza laqgħat iżda kien qed jiftiehem mal-membri tas-Sottokumitat permezz tat-telefon. Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa jekk il-membri tal-Kunsill kienux qed jippreżentaw il-minuti tas-Sottokumitati. Is-Sindku qal illi huwa fl-obbligu ta' kull Kunsillier li jorganizza attività tal-Kunsill f'isem is-Sotto Kumitat tagħhom li jippreżenta l-minuti. Barra minnhekk is-Sindku żied jgħid li kull Kunsillier huwa obbligat li jippreżenta Rapport ta' Ħidma fl-aħħar tas-sena.

**582.5 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

582.5.1 Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn il-21 ta' Ġunju 2023 u l-25 ta' Lulju 2023 li kienet tammonta għal €84,074.55.

**582.6 Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju Jannar-Ġunju 2023;**

582.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill ir-Rapport Finanzjarju għall-perjodu Jannar – Ġunju 2023. Fuq proposta tal-Kaptan Patrick Barbara li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill approva unanimament ir-Rapport Finanzjarju għall-perjodu Jannar – Ġunju 2023.

**582.7 Nominazzjoni ta' żgħażugħ/a– Seduta Parlamentari maż-Żgħażagħ**

582.7.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li jinnomina lis-Sinjorina Anthea Grech.

**582.8 Aġġudikazzjoni ta' offerti**

- **Kuntratt għall-manutenzjoni ta' toroq u xogħlijiet maġġuri ta' traqqiegħ li jagħtu aċċess u aċċess biss f'Ħaż-Żabbar (ZBR 2/2023)**

582.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill illi kien hemm offerta waħda għall-manutenzjoni ta' toroq u xogħlijiet maġġuri ta' traqqiegħ li jagħtu aċċess u aċċess biss f'Ħaż-Żabbar (ZBR 2/2023) u li ġiet evalwata mill-Kumitat tal-Evalwazzjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill ir-rakkomandazzjoni tal-Kumitat ta' Evalwazzjoni għall-Offerti u rrakkomanda li l-Kunsill jagħżel l-offerta li kienet mingħand *S. Spagnol Construction Limited.* Fuq proposta tas-Sinjura Ghislaine Bongailas Zahra li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill approva r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat ta' Evalwazzjoni u talab li jitkompla l-proċess sabiex din id-deċiżjoni tiġi komunikata lill-offerent involut permezz tal-*Electronic Public Procurement System.*

**Kuntratt għas-servizz ta' knis u qtugħ ta' ħaxix f'toroq urbani ZLC 1/2020R**

582.8.2 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri preżenti li l-kuntratt għas-servizz ta' knis u qtugħ ta' ħaxix f'toroq urbani ZLC 1/2020R li l-Kunsill għandu mas-Sur Owen Borg kien ser jiskadi fit-30 ta' Settembru, 2023 u l-Kunsill irid jiddeċiedi jekk iġedditx jew le dan il-kuntratt. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li jerġa' jġedded dan il-kuntratt għal sena addizzjonali bl-istess rati u kundizzjonijiet.

**582.9 Ittri legali**

582.9.1 Inqara rapport li l-Kunsill irċieva mingħand sid il-vettura XAM192 dwar inċident li allegatament seħħ fi Triq il-Kbira, fejn talab kumpens ta' €141.60 mingħand il-Kunsill għall-ħsarat li għamel fil-vettura tiegħu ma' *bollards* tal-ħadid li qegħdin fit-triq. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Ghislaine Bongailas Zahra, il-Kunsill qabel unanimament li jieħu l-parir tal-avukat legali qabel tittieħed deċiżjoni. [1]

582.9.2 Is-Sindku rrefera għall-post li deher fuq il-midja soċjali minn individwu fil-komunità. Din il-post kienet dwar talba biex tinqala' siġra taż-żebbuġ minn Triq il-Ward peress li kienet qed tagħmel ħsara fil-propjetà privata. L-individwu semma li *Project Green* kellu l-intenzjoni li jaqla' is-siġra minn Triq il-Ward u jħawwilha fil-Park ta' San Klement, iżda l-Kunsill ma kienx qabel li tinqala'. Is-Sindku talab rapport tekniku ta' arborista, li huwa espert tas-siġar, qabel ma l-Kunsill jieħu xi deċiżjonijiet dwar it-tneħħija ta' siġra taż-żebbuġ minn Triq il-Ward. Is-Sindku saħaq li m'għandhomx jitneħħew siġar mingħajr il-kontribut ta' esperti tekniċi. Barra minn hekk, is-Sindku stqarr li l-Kunsill qatt ma rċieva xi korrispondenza uffiċjali mingħand *Project Green* dwar l-impenn tagħhom li jneħħu u jħawlu mill-ġdid is-siġra fil-Park ta' San Klement. Is-Sur Joseph Agius irrimarka li biex tinqala' siġra jkun jeħtieġ permess tal-ERA. Is-Sur Mark Grech qal li *Project Green* kienu nfurmawh li huma kienu lesti japplikaw għall-permess tal-ERA, jaqilgħu s-siġra u jħawwluha mill-ġdid fil-Park ta' San Klement bi spejjeż tagħhom. Madankollu, *Project Green* ma kinux lesti li jħallsu l-ispiża sabiex tiġi rranġata l-bankina. Is-Sur Mark Grech żied jgħid li jekk din kienet sempliċiment kwistjoni ta' formalitajiet, *Project Green* kienu lesti japplikaw għall-permessi meħtieġa u jibgħatu proposta uffiċjali biex is-siġra tinqala' u titħawwel fil-Park ta' San Klement. Is-Sindku spjega li *Project Green* m'humiex responsabbli mis-siġar fil-lokalità u żied jgħid li ma kellu l-ebda oġġezzjoni jekk *Project Green* kienu lesti li jgħinu l-Kunsill; dan sakemm jintlaħaq ftehim uffiċjali. Madankollu enfasizza li r-responsabbiltà tal-applikazzjoni għall-permess tal-ERA biex tinqala' siġra taqa' taħt il-mandat tal-Kunsill Lokali u mhux ta' *Project Green.* Is-Sindku saħaq kemm hu mportanti li l-Kunsill ikollu l-opinjonijiet tal-esperti dwar jekk is-siġra kellhiex tinqala' jew le. Is-Sindku qal li ried ikun jaf min ser iħallas l-ispejjeż tal-qlugħ tas-siġra, it-trasport, it-tħawwil u jekk l-ispejjeż tat-tiswija tal-bankina hemmx bżonn

li jitnaqqsu mill-baġit ta' proġett ieħor. Is-Sur Mark Grech ma qabilx mal-proposta tas-Sindku u ddikjara li *Project Green* kienu lesti li jieħdu r-responsabbiltà sħiħa tal-applikazzjoni mal-ERA, il-qlugħ tas-siġra, it-trasport, u t-tħawwil tas-siġra. Is-Sindku qal illi l-Kunsill ma kellux komunikat formali mingħand *Project Green* dwar din is-siġra. Is-Sur Grech talab lill-Kunsill biex jieħu vot dwar din il-materja. Is-Sindku ma qabilx li jittieħed vot b'dan il-mod u sostna li l-Kunsill għandu jiddeċiedi jekk din is-siġra għandhiex tinqala' jew le. Is-Sindku esprima d-diżapprovazzjoni tiegħu għall-qlugħ ta' siġar, peress illi dan jista' iwassal biex fil-*Housing Estate* ma jibqax siġar f'każ li r-residenti jibdew jitolbu t-tneħħija tagħhom waħda wara l-oħra. Is-Sur Mark Grech qal illu huwa kien qed jaqbel li titneħħa din is-siġra minħabba li kienet qed tikkawża ħsara fil-proprjetà u żied jgħid li *Project Green* kien se jerġa' jħawwel is-siġra fil-Park ta' San Klement. Is-Sur Grech qal li minflok għanda titħawwel siġra li tagħmel anqas ħsara. Is-Sur Joseph Buttigieg qabel li jekk is-siġra kienet tabilħaqq qed tagħmel ħsara fil-proprjetà, din għandha titneħħa. Is-Sur Mark Grech qajjem tħassib dwar prattiċi tal-passat, u qal li dak iż-żmien ma kienux isiru biżżejjed studji biex jevalwaw il-ħsara li l-għeruq tas-siġar jikkawżaw fil-futur. Is-Sur Mark Grech qal illi huwa jifhem it-tħassib tas-Sindku li fiż-żona tal-*Housing Estate* għandu jkun hemm siġar li ma jagħmlux ħsara. Is-Sindku spjega li l-perit m'għandux għarfien espert f'materji tas-siġar u mhux kwalifikat biex jiddeċiedi dwar qlugħ ta' siġar u talab rapport ta' arborista. Is-Sur Mark Grech talab lis-Sindku biex jikkonferma jekk hux qed jistenna ftehim formali minn *Project Green*, rapport tal-arborist, permess ta' l-ERA u l-impenn ta' *Project Green* li jaqla', jittrasporta, u jerġa' jħawwel is-siġra qabel ma l-Kunsill jissottometti *no objection* lil-ERA u wara tiġi rranġata l-bankina. Is-Sindku qal illi meta nqalgħu s-siġar ta' Triq il-Kunsill tal-Ewropa, minn Infrastruttura Malta, inġieb parir ta' arborist u mhux il-Kunsill kien iddeċieda. Is-Sindku talab l-approvazzjoni tal-Kunsill biex jqabbad arborist sabiex iħejji rapport tekniku. Is-Sur Mark Grech insista li *Project Green* għandu jerfa' din ir-responsabbiltà. Is-Sur Mark Grech issuġġerixxa li *Project* Green tapplika għall-permess tal-ERA filwaqt li l-Kunsill jissottometti *no objection.* Is-Sindku ċċara li kienet ir-responsabbiltà tal-Kunsill li japplika għall-permess. Is-Sur Joseph Agius staqsa dwar il-kontenut tar-rapport tal-perit. Is-Sindku stqarr li se jippreżenta kemm ir-rapport tal-perit kif ukoll ir-rapport tal-arborist waqt laqgħa futura biex il-Kunsill jiddeċiedi t-triq 'il quddiem. Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa kemm ser tkun l-ispiża biex jinkiseb parir professjonali mingħand arborist. Is-Sindku qal li l-Kunsill kien ser jitlob kwotazzjoni għal dan is-servizz. Is-Sur Mark Grech talab li *Project Green* għandhom japplikaw għall-permess tal-ERA u jipprovdu rapport ta' arborist. Il-Kaptan Patrick Barbara rrakkomanda li l-Kunsill jikteb formalment lil *Project Green.* Is-Sur Mark Grech qabel mal-Kaptan Patrick Barbara. Is-Sindku qal li għandu jiġi ppreżentat kemm ir-rapport tal-perit kif ukoll ir-rapport tal-arborist f'laqgħa tal-Kunsill għal aktar diskussjoni. Is-Sur Mark Grech talab kopja tar-rapport tal-perit. Is-Sindku qal li kif ir-rapporti jkunu finalizzati, dawn ikunu ppreżentati lill-Kunsill. Is-Sindku fakkar li din il-kwistjoni diġa kienet tressqet

f'laqgħa preċedenti tal-Kunsill, u dan il-każ ġie mgħoddi għall-attenzjoni tal-perit, li ħejja rapport dwar il-kwistjoni. Ir-rapport ta' arborista kienet rakkomandazzjoni tal-perit tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li jitlob rapport mingħand arborist, flimkien mar-rapport tal-perit biex jiġi ppreżentat u diskuss f'laqgħa futura biex jiġi determinat il-kors xieraq ta' azzjoni.

## 582.10 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri

582.10.1 Is-Sur Joseph Buttigieg rrefera għal korrispondenza li l-Kunsill irċieva dwar imblukkar ta' bankina mil-vetturi fi Triq il-Mina ta' Hompesch biswit il-barbier. Is-Sindku qal illi kien għadda dan il-każ għall-attenzjoni tal-pulizija tal-Kommunità u kien ser jitlob l-approvazzjoni ta' Transport Malta sabiex isiru l-*hatching lines*. Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi fil-passat kien hemm il-*bollards* quddiem il-ħanut. Is-Sindku qal illi kien ser jerġa' jressaq it-talba lil Transport Malta peress illi din it-triq taqa' taħt ir-responsabbiltà tagħhom. Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi l-*hatching lines* fi Triq tal-Labour kien għadhom ma sarux.

582.10.2 Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi z-zebgħa tad-*disable parking* f' Misraħ tal-Madonna Medjatriċi kienet għada ma saritx.

582.10.3 Fis-7.05 ta' filgħaxija il-Viċi Sindku talbet li tkun skużata.

582.10.4 Is-Sinjura Ghislaine Bongailas Zahra semmiet il-ħtieġa li jsiru l-marki tal-karreġġjata fi Triq Lia.

582.10.5 Is-Sur Joseph Agius talab li jitnadfu l-ispralli u li jinqgħata l-ħaxix ħażin li hemm fi Triq is-Saqwi. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri preżenti li diġa kienet għamlet kuntatt mal-kuntrattur responsabbli sabiex inaddaf il-*culverts* tal-ilma tax-xita qabel ma tagħmel l-ewwel maltempata.

582.10.6 Is-Sur Joseph Agius talab li jinqata' l-ħaxix ħażin fi Triq il-Kappella tal-Plier.

582.10.7 Is-Sur Joseph Agius staqsa lis-Sindku jekk kienx hemm xi proġett propost fi Triq is-Saqwi. Is-Sindku qal illi m'għandux informazzjoni dwar dan.

582.10.8 Is-Sur Joseph Agius ressaq talba li kien irċieva mingħand persuna b'diżabilità sabiex it-*timing* tal-*pelican crossing* fi Triq il-Labour jitwal b'għaxar sekondi. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser tressaq din it-talba lil Transport Malta.

582.10.9 Is-Sur Joseph Agius qal illi quddiem ir-rampa li hemm għal-persuni b'diżabilità maġenb il-monument ta' Agatha Barbara u quddiem ir-rampa li hemm fi Triq is-Santwarju maġenb il-*bus stop* kienu qed jipparkjaw il-vetturi u jostakolaw ir-rampa. Is-Sur Agius talab li jinstab rimedju dwar dan.

582.10.10 Is-Sur Joseph Agius irraporta li hemm numru ta' bozzoz mitfija kif ukoll globi nieqsa fi Triq is-Santwarju u f' Misraħ tal-Madonna Medjatriċi.

**582.11 Mozzjonijiet**

582.11.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**582.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

582.12.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta 29 t'Awwissu, 2023 fis-6.00 ta' filgħaxija.

582.12.2 Il-laqgħa spiċċat fis-7.10 ta' filgħaxija.

IFFIRMATA

Stephanie Testaferrata de Noto
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fil-583 laqgħa li saret nhar it-Tlieta 29 t'Awwissu, 2023.

IFFIRMATA

Jorge Grech
Sindku